MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 24/2011

**R W**
**vs**
**G V u b' digriet tat-28 ta' April 2011 l-istess G V giet nominata bhala kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta l-interess tal-minuri N V; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrent ressaq din il-kawza ghaliex hu l-missier bijologiku tal-minuri N V u dan minn relazzjoni li huwa kellu ma' l-intimata G V;

2. Illi skont l-att tat-twelid, il-minuri qed jidher bhala ‘unknown father’;

3. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza halli din il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta’ Perit nominat mill-Qorti, tiddikjara hu l-missier ta’ N V u halli tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv;

4. Illi l-attur interpella lil G V skont il-ligi bil-hsieb tieghu li hu jrid jirrikonoxxi lill-minuri ibnu N V, izda din baqghet ma wegbitx u ghadda t-terminu stipulat mill-ligi;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-attur hu l-missier tal-minuri N V u dan anke permezz tal-hatra ta’ perit nominand.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 2027 tas-sena 2007 hawn anness u dana billi fil-hames kolonna tal-istess Att titnehha l-frazi ‘unknown father’ u tidhol il-frazi ‘R W (Pieta’ Malta)’;

3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta G V li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din

l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhorn ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-prerness f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attricil l-esponenti jinvita lill-intimat R W sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri N, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel N. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi N bin-numru ta' registrazzjoni 2027 tas-sena 2007 (Dok. A);

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri N a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. IIli finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat in-nomina tal-esperti medici Christopher Farrugia u Dr Marisa Cassar b’digriet tat-22 ta’ Novembru 2011.

Rat in-nota tal-atturipprezentata fl-10 ta’ Ottubru 2012 (fol.49) fejn ta d-dettalji tieghu.

Rat l-atti kollha,

Rat illi fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri N li twieled mill-konvenuta G V fl-14 ta' Gunju 2007.

Il-konvenuta G V xhedet illi hija bdiet tohrog mal-attur fis-7 ta' Gunju 2004 u damu johorgu flimkien ghal madwar hames snin.  Meta giet terminate r-relazzjoni ta' bejniethom il-minuri N kellu bejn tmienja u ghaxar xhur. Hija kkonfermat illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri hija ma kelliex relazzjonijiet intimi hlief mal-attur.

L-attur xhed illi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta bdiet circa ghaxar snin ilu, damu johorgu flimkien ghal madwar sitt snin izda madwar erba' snin lilu ir-relazzjoni taghhom intemmet.  Matul din ir-relazzjoni l-attur u l-konvenuta kellhom tifel izda fic-certifikat tat-twelid tnizzel bhala "missier mhux maghruf".

Ghalkemm anke wara li hassru ir-relazzjoni ta' bejniethom l-attur u l-konvenuta kienu jiftehmu biex l-attur ikollu access ghall-minuri, mill-14 ta' Gunju 2010 ma hallitux jarah aktar lill-minuri.  Fit-12 ta' Novembru 2010 huwa ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenuta fejn iddikjara li kien behsiebu jirrikonoxxi lill-minuri u talabha formalment sabiex taccetta billi tipprezenta nota fl-atti tal-ittra ufficjali izda l-konvenuta ma pprezentat xejn.  Kien ghalhekk li kellu jintavola din il-kawza.

L-attur ipproduca bhala xhud lil Chrisopher Farrugia li kkonferma li kien hu li ppreleva l-kampjuni minn fuq l-attur, il-konvenuta u l-minuri u ghaddihom lill-analista Dr Marisa Cassar li min-naha taghha ipprezentat DNA Paternity Test Report datat 25 ta' Settembru 2012 (fol. 53) u ccertifikat illi l-probabilita' li l-attur huwa missier il-minuri N hi ta' 99.9999%.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Il-fondament legali tal-kawza odjerna huwa l-**artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier  u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:

Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:

Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:

Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."

Ikkunsidrat;

Ix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar u ta' Christopher Farrugia korroborati mit-testijiet genetici u xjentifici, ma jhallu l-ebda dubju li l-attur huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri N.

Dwar l-ispejjez tal-kawza irrizulta li dawn l-ispejjez setghu facilment gew evitati kieku l-konvenuta ikkoperat mal-attur

meta giet notifikata bl-ittra ufficjali fuq imsemmija. Ghal ragunijiet li baqghet ma tat l-ebda spjegazzjoni taghhom hija irrifjutat li taghraf lill-attur bhala iben il-minuri u kien biss wara li harget ordni l-Qorti li hija ssottomettiet ruhha ghat-test tad-DNA.

Dwar l-ispejjez tad-DNA test dawn dejjem kienu mehtiega biex l-attur jipprova li hu kien il-missier u ghalhekk ikun gust li dawn jinqasmu bejn l-attur u l-konvenuta V.

L-ispejjez tal-kawza pero' setghu facilment gew evitati kieku l-konvenuta ikkoperat mill-ewwel meta giet notifikata bl-ittra ufficjali. Dan m'ghamlitux u ghalhekk ikun gust li hija thallas l-ispejjez tal-kawza.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-attur R W bhala l-missier bijologiku tal-minuri N imwieled fl-14 ta' Gunju 2007.
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri N jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzel isem l-attur R W u l-konnotati tieghu li jinsabu dettaljati fin-nota a fol. 49 tal-process.
3. Tichad it-tielet talba stante li mhiex necessarja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta G V inkluz nofs l-ispejjez relatati mat-testijiet tad-DNA kondotti minn Dr Marisa Cassar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------